MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2014

Rikors Numru. 4/2012

**Maria Assunta sive Marcelle Cassar nee` Axisa (I.D. 600956M)**

***kontra***

**Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa`) u b`digriet tad-9 ta` Frar 2012 l-intimat "Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa`) inbidel ghal "L-Avukat Generali"**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors prezentat fil-11 ta` Jannar 2012 li jaqra hekk –

*Illi r-rikorrenti Marcelle Cassar prezentement hija ko-imputata fil-kumpilazzjoni li ggib l-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa` ) vs. Edgar Publio Bonnici u Maria Assunta sive Marcelle Cassar nee` Axisa', quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja, ippreseduta mill-Magistrat Dott. Giovanni Grixti, u liema kawza ggib in-numru 246/2006 u li tinstab differita ghall-11 ta` Jannar 2012 ;*

*Illi, dawn il-proceduri jinstabu differiti ghal kontinwazzjoni tal-provi tad-difiza u li fihom ir-rikorrenti Marcelle Cassar ghadha ma ddeponietx. Jirrizulta pero` li l-ko-imputat Edgar Publio Bonnici ddepona fis-seduta ta` wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi u cioe` fit-2 ta` Marzu 2009 ;*

*Illi, Marcelle Cassar ma setghetx tixhed u dana stante li ma nghatatx l-opportunita` biex taghmel dan peress li d-difensur tal-ko-imputat Edgar Publio Bonnici kien qieghed itella` l-provi tieghu ;*

*Illi, ir-rikorrenti Marcelle Cassar riedet tixhed u ma thallitx tant li gie pprezentat rikors iffirmat minn Dott. Martin Fenech, iddatat il-15 ta` Frar 2011 (fol. 248 tal-process) li gie ddekretat fl-24 ta` Frar 2011 u fejn l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba ivi kontenuta fir-rikors taghha ;*

*Illi, l-artikolu tal-ligi li tirregola d-deposizzjoni tal-imputat jew akkuzat hija l-**Art. 634** tal-Kodici Kriminali [**Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta**], li tghid is-segwenti :*

*"L-imputat jew akkuzat, **b`talba tieghu** (emfasi tal-esponent), jista` jixhed taht gurament, minnufih li l-*

*prosekuzzjoni taghlaq il-parti taghha,* ***<u>barra minn meta jinqala` l-bzonn li jixhed ukoll wara, f`waqt iehor tal-kawza</u>*** *(emfasi tal-esponent), jew jekk il-qorti jkun jidhrilha xieraq li tbiddel l-ordni tal-provi ...”*

*Illi, jirrizulta mill-atti processwali tal-kawza li t-talba sabiex Marcelle Cassar saret u li izda l-Onorabbli Qorti dehrilha, u dana skond id-digriet taghha stess tal-24 ta` Frar 2011 li kellha tichad it-talba taghha u dana peress li r-rikorrenti kienet ‘ ... resqet ix-xhieda u ddeponew’. [vide id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali (sic!) fol. 249 tal-process fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs. Edgar Publio Bonnici u Maria Assunta sive Marcelle Cassar nee` Axisa****] ;*

*Illi r-rikorrenti hija tal-fehma li dan l-agir li ma tithalliex taghmel id-deposizzjoni taghha u taghti l-verzjoni taghha tal-kaz jilliedi d-dritt fundamentali taghha ghal smigh xieraq kif wara kollox sancit skond l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 6 tat-Tieni Sjeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta u fejn iz-zewg artikoli tal-ligi jiddikjaraw bl-aktar mod car u lampanti li kull min ikun qieghed jghaddi proceduri kriminali ghandu jinghata smigh xieraq [Kostituzzjoni ta` Malta, Art. 39(1)] u imparzjali [Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta, Tieni Skeda, Art. 6 (1)] ;*

*Illi, l-Artikolu 39(6) sub-inciz (d) tal-Kostituzzjoni ta` Malta taghti l-fakolta` lill-akkuzat jew imputat li “...[...]... li jikseb l-attendenza ta` xhieda ...[...]..., u jaghmel l-ezami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu ghalih quddiem il-qorti”, dritt dan li l-Kap. 319 tiddiskrevih bhala wiehed minimu [Ibid. Art. 6(3)] u li allura l-imputat ghandu jgawdi minnu sija jekk ix-xhieda hija tieghu stess, kif ukoll jekk hija ta` persuna ohra ;*

*Illi, l-protezzjoni ta` dan id-dritt huwa kontrapost ghal protezzjoni li l-istess imputat ghandu li ma jkunx obbligat, kemm-il darba salv u sancit id-dritt tieghu li hekk jaghmel, li jixhed fi proceduri kontrih stess [Kostituzzjoni op. cit. Art. 39(10).];*

*Illi, sija l-Kostituzzjoni ta` Malta kif ukoll l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jipprotegu dan id-dritt invjolabbli tal-imputat li jkun qieghed jghaddi proceduri kriminali sabiex jipproduci u jezamina xhieda tieghu kif ukoll dawk li jixhdu kontrih taht l-istess kundizzjonijiet tal-prosekuzzjoni [Kap. 319, Art. 6(d) u Kost., Art. 39(6)(d)] ;*

*Illi, din il-parti tal-artikoli rispettivi tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni qeghdin hemm sabiex jaghtu lok ghal principju tal-parity of arms bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza. Hija biss wahda mill-kriterji li jiffurmaw il-mertu ta` dan il-principju, u li izda ezami taghha huwa mehtieg fid-determinazzjoni tal-allegat lezjoni ta` dan id-dritt fil-konfront tar-rikorrenti ;*

*Illi, il-ligi li tirregola d-deposizzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni, fejn senjatament fil-kaz in dizamina, il-proceduri jkunu ssoktaw permezz tal-kwerela tal-parti leza, tinsab fl-Art. 410(2) tal-Kodici Kriminali [Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta] [senjatament dan l-Artikolu tal-ligi tinsab fit-taqsima tal-Kap. 9 intitolata* ***Disposizzjonijiet Generali li jghoddu ghal Qorti tal-Magistrati sew bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali kemm bhala Qorti Istruttorja****] li tissindika l-ordni li bih ghandhom jinstemghu l-provi billi :*

*"Meta l-kwerelant ghandu jinsama` taht gurament, ix-xhieda tieghu ghandha tittiehed* ***<u>qabel dik tax-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni</u>*** *(emfasi tal-esponent), barra minn meta,* ***<u>fil-fehma tal-qorti</u>*** *(emfasi tal-esponent), jinhass il-bzonn wara, f`xi waqt iehor tal-kawza jew meta dik ix-xhieda tigi mitluba mill-imputat f`kull waqt li jkun tal-kawza, jew meta l-qorti jidhrilha li hu sewwa li tbiddel l-ordni tal-provi"*

*Illi, ghalhekk l-ordni tax-xhieda hija dettata mill-Artikolu 410 tal-Kap. 9 u fejn allura l-kwerelant ghandu jinstema qabel kull xhud iehor. Izda jezisti poter diskrezzjonali moghti mil-ligi lil gudikant li jvarja din l-ordni ta` produzzjoni tax-xhieda u fejn ghalhekk din ix-xhieda tigi tinstema fi stadju iehor tal-proceduri ;*

*Illi, din ma hijiex l-unika istanza fejn Qorti tinghata xi element ta` diskrezzjoni u fejn hija ghalhekk libera, kemm-il darba dettata mic-cirkostanzi li jkunu pprezentaw ruhhom quddiemha, li tirrixindi minn dak stipulat generalment mil-ligi u tordna mod iehor. Tant hu pprovdut ad exemplum fl-Artikolu 39(4) tal-Kostituzzjoni fir-rigward tal-eskluzjoni tal-pubbliku minn certi proceduri gudizzjarji [Ezempji ohrajn fejn il-Qorti tinghata diskrezzjoni li tagixxi, huma l-Art. 14(2), 21, 254, 341, 436(3), 641, 644 tal-Kap. 9.].*

*Illi, izda fl-Art. 634 suriferit, l-unika diskrezzjoni moghtija lill-Onorabbli Qorti sabiex tezercita xi forma ta` diskrezzjoni fir-rigward tax-xhieda li ghandha tinghata mill-imputat hija jekk hi tiddeciedi li tvarja l-ordni tal-provi. Barra minn dan il-Qorti ma ghandha ebda setgha li tichad li ssir id-deposizzjoni tal-akkuzat jew imputat meta jinqala` l-bzonn li jixhed ukoll wara, f`waqt iehor tal-kawza liema fakolta` hija moghtija lill-akkuzat esternament [Il-poter diskrezzjonali tal-Qorti taht dan is-subartikolu jibda bil-kelma ‘jew’ u ghaldaqstant jezisti limitament ghal dak il-kaz biss.] mid-diskrezzjoni tal-Qorti, liema diskrezzjoni – a kuntlarju ta` dak koncepit fl-Art. 410(2) – hija strettament limitata ghal varjazzjoni tal-provi.*

*Illi, inoltre peress li l-ligi kriminali trid tigi nterpretata restrittivament u dana ghax poenalia sunt restrigenda, ifisser li b`ebda mod ma tista` l-ligi li timponi l-ordni fis-smigh tal-kwerelant taht l-Art. 410(2) tal-Kap. 9 tista` b`xi mod tigi estiza ghall-Art. 634, jew xort`ohra ma tistax id-diskrezzjoni moghtija lill-Qorti taht l-Artikolu 410(2) tigi*

*estiza sabiex tapplika wkoll ghad-dritt tal-akkuzat li jixhed fi stadju iehor tal-kawza oltre dak immedjatament li jsegwi l-gheluq tal-provi tal-prosekuzzjoni ;*

*Illi, huwa minnu li hawnhekk il-ligi timponi l-kundizzjoni li jrid **jinqala`** **l-bzonn** biex l-akkuzat, ossija imputat f`dan il-kaz, jixhed f`dan il-**waqt iehor tal-kawza** – mizura din, intiza sabiex dak li jkun ma joqghodx jixhed fi kwalunkwe stadju tal-proceduri u kappriccjozament jisfratta l-andament tal-kawza jew xort`ohra, bil-permissivita` lata tieghu jithalla jipprevarika fuq il-fatti. Izda, min-naha l-ohra l-Onorabbli Qorti ma tistax tiddeciedi a priori, in-necessita` o meno li jixhed l-imputat **minghajr ma l-ewwel tisma` x`ghandu xi jghid ix-xhud** (emfasi tal-esponent), ghax biex taghmel hekk trid tassumi minn qabel dak li l-imputat ser ikun ser jistqarr – haga din li hija impossibbli ghax dak li bi hsiebu jixhed l-imputat jafu biss l-imputat ! (emfasi tal-esponent) ;*

*Illi, jinhtieg li l-Qorti zzomm **bilanc bejn l-interessi tal-gustizzja u d-drittijiet tal-imputat** li ghandu jkollu **d-dritt li jipprezenta l-kaz tieghu bl-aktar mod liberu, hieles u minghajr xkiel** (emfasi tal-esponent) – dritt dan sancit kif sudett mhux biss permezz tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea, izda wkoll permezz tal-Kodici Kriminali li bid-distinzjoni mahluqa bejn l-evidenza tal-prosekuzzjoni u dik tal-imputat tkompli tafferma dawn id-drittijiet fundamentali ;*

*Illi, stante li ubi lex non distinguet nec nos distinguere debemus, ghaldaqstant **meta l-ligi mbaghad tiddistingwi tpoggina taht obbligu li niddistingwu** (emfasi tal-esponent), u mhuwiex imholli lilna u lil hadd li nezercitaw xi diskrezzjoni f`dan ir-rigward u ma naghtux lok ghad-differenza ta` trattament li trid il-ligi – differenza li, ghandu jinghad ma tilliedi ebda mid-drittijiet moghtijin lill-prosekuzzjoni li ghandha fil-konfront tal-akkuzat l-akbar vantagg tal-prova.  Fil-fatt din il-mizura hija ntiza sabiex tirretifika l-izbilanc ahhari li jezisti fil-konfront ta` dawk li*

*jkunu ghaddejjin minn proceduri kriminali billi tohloq parity of arms bejn il-kontendenti f`dawn it-tip ta` kawzi ;*

*Illi, ghalhekk sabiex jigu salvagwardjati d-drittijiet u l-jeddijiet tar-rikorrenti hekk kif sanciti mill-Kostituzzjoni, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea u sahansitra l-Kodici Kriminali, Marcelle Cassar ghandha tinghata kull opportunita` sabiex tixhed fil-proceduri kriminali li minnhom hija ghaddejja.*

*Ghaldaqstant, in vista ta` dak kollu supremess, u kif ukoll dawk il-provi kollha producibbli waqt is-smigh ta` dan ir-rikors, ir-rikorrenti Maria Assunta sive Marcelle Cassar nee` Axisa, umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara li gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti Maria Assunta sive Marcelle Cassar nee` Axisa fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa`) vs Edgar Paolo Bonnici u Maria Assunta sive Marcelle Cassar nee` Axisa' ghal smigh xieraq bhala parti ntegrali mid-dritt fundamentali taghha ghal protezzjoni tal-ligi, u dan permezz tad-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali, ippreseduta mill-Onor. Mag. Dott. Giovanni Grixti, moghti nhar l-24 ta` Frar 2011, ai termini tal-Artikolu 39 et seq. tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Art. 6 et seq. tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta]; u konsegwentement ;*

*2. Thassar, tirrevoka u tikkancella d-digriet moghti fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa`) vs Edgar Paolo Bonnici u Maria Assunta sive Marcelle Cassar nee` Axisa' mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali nhar l-24 ta` Frar 2011 ; u ghaldaqstant in segwitu ghall-ewwel talba*

*3. Tordna rimedju tal-lezjoni ta` dan id-dritt billi tordna lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura*

*Kriminali, sabiex tiffissa seduta fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa`) vs Edgar Paolo Bonnici u Maria Assunta sive Marcelle Cassar nee` Axisa' sabiex tixhed ir-rikorrenti Maria Assunta sive Marcelle Cassar nee` Axisa u dan ai termini tal-Art. 634 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta.*

Rat ir-risposta prezentata fit-8 ta` Frar 2012 li taqra hekk –

*1. Illi fil-vertenza odjerna r-rikorrenti qeghda tallega li d-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali moghti nhar l-24 ta` Frar 2011 u li permezz tieghu l-istess Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti odjerna biex tixhed fil-kumpilazzjoni fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa`) vs Edgar Publio Bonnici et' huwa leziv tad-dritt fundamentali taghha ghal smigh xieraq a tenur tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ; u talbet ukoll lil din l-Onorabbli Qorti sabiex taghti r-rimedji opportuni.*

*2. Illi fl-ewwel lok u* ***in linea preliminari*** *in kwantu l-proceduri odjerni qeghdin isiru sabiex jattakkaw digriet moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, la l-Pulizija u wisq anqas l-Ispettur Angelo Gafa` ma huma l-legittimi kontradittur ghall-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrenti u dan a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, u dawn ghandhom ghalhekk jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

*3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost,* ***fil-mertu*** *l-allegazzjonijiet u t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti :*

*4. Illi primarjament l-esponent jirribatti li l-fatti kif esposti mir-rikorrenti huma skorretti. Mhu veru xejn li l-*

*proceduri in kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati huma differiti ghal kontinwazzjoni tal-provi difiza kif allegat fit-tieni paragrafu tar-rikors promotur. Fil-fatt il-provi difiza ilhom maghluqa mit-23 ta` Settembru 2010 u l-proceduri in kwistjoni ilhom jigu differiti ghat-trattazzjoni finali, liema trattazzjoni ghadha ma saritx ghal diversi ragunijiet fosthom talbiet ghal differiment mid-difiza jew mill-prosekuzzjoni jew minhabba ndisposizzjoni tal-gudikant. Il-kawza issa hija differita ghall-14 ta` Marzu 2012 ghat-trattazzjoni finali.*

*5. Illi kien proprju wara li nghalqu l-provi difiza u l-kawza kienet diga` giet differita ghat-trattazzjoni li r-rikorrenti Cassar ressqet ghall-ewwel darba rikors datat 15 ta` Frar 2011 (hawn anness bhala Dok AG1) b`talba vaga u generika fejn talbet li tixhed "ghax ghadha ma xehditx", liema rikors gie michud permezz tad-digriet in kontestazzjoni datat 24 ta` Frar 2011 (Dok. AG2). Fid-dawl tal-kontenut tar-rikors kif redatt mir-rikorrenti l-Qorti tal-Magistrati gustament cahdet it-talba taghha bhala wahda inammissibbli f`dak l-istadju.*

*6. Illi xi xhur wara dak id-digriet ir-rikorrenti Cassar regghet ressqet talba ohra sabiex tixhed, din id-darba bl-iskuza li kienet biss id-difiza tal-ko-imputat l-iehor Edgar Publio Bonnici li ghalqet il-provi taghha (dokument anness bhala Dok. AG3). Il-Prosekuzzjoni pero` kkontradixxiet din l-allegazzjoni billi gabet prova li d-difiza tal-istess Cassar kienet ressqet ukoll ix-xhieda taghha (Dok. AG4 sa 4b). Ir-rikors u r-risposta msemmija gew trattati waqt is-seduta tat-23 ta` Gunju 2011 (Dok. AG5).*

*7. Illi mis-suespost jidher car li d-digriet tal-24 ta` Frar 2011 b`ebda mod ma cahhad lir-rikorrenti mid-dritt ta` smigh xieraq stante li fil-kors tal-proceduri in kwistjoni r-rikorrenti Cassar kien giet moghtija facilitajiet biex tezamina personalment jew permezz tar-rapprezentant legali taghha x-xhieda msejha mill-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati, kif fil-fatt ghamlet, oltre l-fatt li hija*

*ressqet ix-xhieda kollha li talbet u ghamlet l-ezami taghhom quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bhal dawk li jghoddu ghal xhieda msejha mill-prosekuzzjoni u dan in pjena konformita` mal-provvedimenti tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*8. Illi wkoll minkejja li r-rikorrenti Cassar kellha d-dritt kollu moghti lilha biex tixhed personalment, hi deliberatament u volontarjament ghazlet li ma tixhidx fl-istadju opportun tal-proceduri u lanqas ma wriet b`mod sodisfacjenti lill-istess Qorti tal-Magistrati xi bzonn kien inqala` li seta` jimmerita l-akkoljiment tat-talba taghha biex tixhed wara l-gheluq tal-provi difiza. L-unika "bzonn" li r-rikorrenti ndikat <u>wara</u> d-digriet tal-24 ta` Frar 2011 biex tiggustifika t-talba taghha kien wiehed fieragh u nveritier kif spjegat f`paragrafu 6 tar-risposta odjerna.*

*9. Ghalhekk id-digriet tal-24 ta` Frar 2011 huwa gust u jimmerita konferma.*

*10. Illi inoltre jigi rilevat li l-interpetazzjoni li r-rikorrenti qed taghti lill-Artikolu 634 tal-Kodici Kriminali f`pagna 4 et seq tar-rikors promotur hija biss wahda gratuwita u totalment infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*11. Illi ghalhekk u fid-dawl tas-suespost il-proceduri odjerni huma* ***frivoli u vessatorji*** *u ghandhom jigu dikjarati bhala tali stante li jidher car li r-rikorrenti qeghda tipprova tinqeda bi proceduri ta` natura straordinarja bhala manuvra tattika sabiex dak li ma rnexxiliex tottjeni mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati issa qeghda tipprova takkwistah quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

*Ghaldaqstant ma hemm ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni*

*Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dokumenti li kienu prezentati mar-risposta.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta` Frar 2012.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn, wara li hadet konjizzjoni tal-eccezzjoni preliminari tal-intimat, ir-rikorrenti talbet is-sostituzzjoni tal-intimat prezenti bl-Avukat Generali. Billi t-talba ma kenitx opposta, il-Qorti akkordat il-bidla fl-isem tal-intimat, bil-konsegwenza li kienet irtirata l-eccezzjoni preliminari. L-Avukat Generali ghamel tieghu l-eccezzjonijiet fil-mertu li kien ressaq l-intimat precedenti.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat ir-rikorrenti skond kif kienet diretta taghmel mill-Qorti.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-29 ta` Marzu 2012 fejn il-partijiet iddikjaraw li bhala provi kienu qeghdin jistriehu fuq l-atti akkwiziti, u li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li r-rikorrenti pprezentat fl-4 ta` Gunju 2012.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet li l-intimat pprezenta fl-20 ta` Awissu 2012.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta` Ottubru 2012 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat id-digriet taghha tat-22 ta` Ottubru 2012 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex taghmel sottomissjonijiet ulterjuri.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-ahhar li saru bil-fomm fl-udjenza tal-15 ta` Jannar 2013.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta` Jannar 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

Fil-kawza tal-lum, il-provi jikkonsistu fil-verbali tal-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Edgar Publio Bonnici u Maria Assunta sive Marcelle Cassar nee Axisa* pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Minn dawn l-atti, hekk jirrizulta :

1) Illi fl-udjenza tal-11 ta’ Gunju 2007, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi.

2) Illi l-udjenzi tad-19 ta’ Settembru 2007, 6 ta’ Dicembru 2007, 6 ta’ Frar 2008, 21 ta’ Mejju 2008, 17 ta’ Settembru 2008 u 27 ta’ Novembru 2008 kienu, differiti minhabba indisposizzjoni tal-Qorti.

3) Illi fl-udjenza tat-2 ta’ Marzu 2009, xehed Edgar Publius Publius li kien ko-akkuzat mar-rikorrenti fl-istess kawza.

4) Illi fl-udjenza tas-7 ta’ Mejju 2009, ma saret l-ebda talba mid-difiza sabiex jitharrku xhieda.

5) Illi fl-udjenza tal-25 ta’ Gunju 2009, xehdu l-Ispettur Chris Galea Scannura, Charmaine Galea Triganza, Stephen Garrett, Maximilian Fenech u Michael Calleja.

6) Illi fl-udjenza tas-17 ta’ Settembru 2009, xehdu l-Ispetter Chris Galea Scannura u Steve Garrett.

7) Illi fl-udjenza tal-25 ta` Frar 2010, xehdet Charmaine Galea Triganza.

8) Illi fl-udjenza tas-7 ta’ Lulju 2010, xehdet WPC 39 Nadine Demir.

9) Illi fl-udjenza tat-23 ta’ Settembru 2010, xehdu WPC 39 Nadine Demir u Steve Garrett u d-difiza ddikjarat li ma kellhiex aktar provi.

10) Illi fil-15 ta` Frar 2011, ir-rikorrenti ipprezentat rikors sabiex tinghata l-opportunita` li tixhed ; il-Qorti cahdet it-talba.

11) Illi fl-10 ta’ Gunju 2011, u waqt l-udjenza tat-23 ta’ Gunju 2011, ir-rikorrenti talbet li tressaq is-sottomissjonijiet taghha.

12) Illi l-kawza thalliet ghas-sottomissjonijiet finali ghall-udjenza tas-17 ta’ Novembru 2011.

**Ikkunsidrat :**

## III. <u>Sottomissjonijiet bil-miktub</u>

Fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha, ir-rikorrenti ssostni illi kuntrarjament ghal dak li jghid l-Avukat Generali, hija qatt ma ghamlet dikjarazzjoni fis-sens illi l-provi taghha kienu maghluqa. Inoltre mill-verbali tal-

udjenzi ma jirrizultax li r-rikorrenti kienet domandata jekk riditx tixhed. Dan ifisser illi l-Qorti agixxiet b`mod unilaterali meta halliet il-kawza ghat-trattazzjoni finali.

**Il-Qorti tosserva li fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, ir-rikorrenti ghamlet serje ta` sottomissjonijiet evidentement gratwiti u certament barra minn lokhom. Propju ghaliex hekk huma, il-Qorti mhijiex sejra taghtihom konsiderazzjoni.**

Ir-rikorrenti tghid illi l-pern tal-kwistjoni hija d-dicitura tal-Art.410(2) u l-Art.634 tal-Kap 9. Tal-ewwel jipprovdi illi l-kwerelant ghandu jinstema` qabel ix-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni, barra f'dawk il-kazi fejn il-qorti jidhrilha xieraq li ghandha tvarja l-ordni tal-provi. Id-disposizzjoni l-ohra tghid illi li l-imputat jista`, skond il-htiega, jixhed fi stadju iehor tal-procedura. Skond ir-rikorrenti, ghalkemm il-Qorti ghandha diskrezzjoni skond l-Art 410(2), ma hemmx diskrezzjoni abbazi tal-Art 634. Jaghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-20 ta` April 2012 fil-kawza *Conrad Axisa vs Avukat Generali* u ghad-decizjoni tal-ECHR tal-24 ta` April 2009 fil-kawza *Stephens vs Malta.*

Skond ir-rikorrenti, l-imputat ghandu l-jedd illi jixhed jew fl-istadju tal-provi tad-difiza jew mal-eghluq tal-provi jew meta tinqala` l-htiega. Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati ma setghetx tichad it-talba taghha biex tiddeponi. Meta kienet michuda t-talba taghha, sehh ksur tal-jedd taghha ghal smigh xieraq.

Fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu, l-Avukat Generali jsostni li r-rikorrenti kellha l-opportunita` li tixhed fil-waqt opportun, u kienet hi li ghazlet li ma taghmilx dan. Ladarba l-procediment kostituzzjonali huwa ntiz bhala rimedju ta` natura straordinarja, mhuwiex accettabbli li r-rikorrenti tirrikorri ghal rimedju li ghalih m`ghandhiex jedd.

L-intimat jesprimi l-perplessita` tieghu dwar l-affermazzjoni tar-rikorrenti meta tghid illi ma hemm l-ebda verbal fejn huwa dikjarat illi ghalqet il-provi taghha meta mill-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Settembru 2010 jirrizulta li kien dikjarat propju hekk.

L-intimat jissottometti illi dak li trid taghmel din l-Qorti huwa li tqis il-gudizzju tal-Qorti tal-Magistrati skond dak biss li dik l-Qorti kellha a disposizzjoni taghha, u cioe` jekk wara li kienu nghalqu l-provi, u wara rikors tar-rikorrenti sabiex tixhed ghax ma kenitx ghadha xehdet, jekk l-agir tal-Qorti tal-Magistrati meta cahdet r-rikors kien jilledi d-dritt ta’ smigh xieraq tar-rikorrenti. Fil-kaz tal-lum, ighid l-intimat, ma seta` qatt ikun hekk ghaliex bhala fatt ir-rikorrenti kienet irrinunzjat ghad-dritt taghha li tixhed fil-waqt opportun meta kellha taghmel hekk.

L-intimat ma jaqbilx mal-interpretazzjoni li r-rikorrenti qeghda taghti lill-Art 634 tal-Kap 9. Skond dik id-disposizzjoni - (i) jekk l-imputat jixtieq jixhed jista` jaghmel talba sabiex jixhed bil-gurament ; (ii) jekk issir tali talba ghandu jixhed immedjatament wara li l-prosekuzzjoni taghlaq l-provi taghha ; (iii) jekk imbaghad l-imputat ikun diga` xehed skond (i) u (ii) izda jinqala` l-bzonn li jerga` jixhed wara, dan huwa possibli, u (iv) l-Qorti tista` tvarja l-ordni tal-provi.

Fil-kawza de qua, ir-rikorrenti ma ghamlet l-ebda talba sabiex tixhed bil-gurament wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi. Fil-fatt dik it-talba saret mill-persuna li kienet ko-akkuzata mar-rikorrenti. U hekk sar. Kuntrarjament ghal dak li tissottometti r-rikorrenti, ma hemm l-ebda obbligu impost fuq il-Qorti tal-Magistrati li tistaqsi jew li tivverbalizza jekk l-imputat iridx jixhed jew le. L-obbligu jispetta lill-imputat li jekk irid jixhed irid jaghmel talba appozita lill-Qorti. Ghalhekk d-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-24 ta’ Frar 2011, kien pjenament konformi mal-Art 634 tal-Kap 9 u kwindi kull tqabbil li r-rikorrenti

qeghda taghmel bejn l-Art 410(2) u l-Art 634 tal-Kap 9 huwa fattwalment u legalment insostenibbli.

**Ikkunsidrat :**

## IV. Sottomissjonijiet finali bil-fomm

Ir-rikorrenti ssostni li t-tesi tal-intimat tistrieh fuq tlett punti :

Fl-ewwel lok, l-intimat ighid illi hi ghalqet il-provi taghha qabel ghamlet it-talba biex tixhed. Fil-procediment de quo, kien hemm zewg ko-akkuzati patrocinati minn avukati differenti. Jekk ko-akkuzat wiehed ghalaq il-provi tieghu, ma jfissirx li anke l-ko-akkuzat l-iehor ghamel l-istess. Fil-fatt fil-verbal tal-Qorti tal-Magistrati ma jirrizultax min mill-akkuzati ghalaq il-provi. Inoltre meta dik il-Qorti cahdet it-talba tar-rikorrenti sabiex tixhed, hija sostniet illi kienet qeghda taghmel hekk ghaliex r-rikorrenti kienet ressqet x-xhieda taghha li fil-fatt ddeponew izda ma qalitx li kienet ghalqet il-provi ;

Fit-tieni lok, ikkontestat l-interpretazzjoni li l-intimat qieghed jaghti lill-Art 634 tal-Kap 9 ;

Fit-tielet lok, ir-rikorrenti ssostni li meta l-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba taghha hemm saret lezjoni tad-dritt fondamentali taghha ghal smigh xieraq.

L-intimat wiegeb in kwantu ghall-ewwel punt billi sostna li l-verbal tal-Qorti kien car fis-sens illi d-difiza kienet iddikjarat li ma kellhiex aktar provi ; id-difiza kienu z-zewg akkuzati. Li kieku tassew kien il-kaz li r-rikorrenti ma kenitx ghalqet il-provi taghha, ma kenitx thalli jghaddu hames xhur qabel tipprezenta r-rikors taghha biex tixhed. Ghar-rigward tat-tieni u tat-tielet punti, l-intimat sostna l-posizzjoni li ha fin-nota ta` osservazzjonijiet tieghu.

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Risultanzi</u>**

Mill-provi dokumentarji li gew esebiti, in partikolari l-verbali tal-procediment quddiem il-Qorti tal-Magistrati, huwa evidenti illi, kuntrarjament ghal dak li tissottometti r-rikorrenti, tirrizulta dikjarazzjoni cara u inekwivoka li d-difiza kienet ghalqet il-provi taghha. Fil-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Settembru 2010, jinghad illi ***dehru <u>l-imputati</u> assistiti*** u illi ***<u>d-difiza</u> tiddikjara li ma ghandhiex aktar provi***. Skond dak il-verbal, id-dikjarazzjoni tal-gheluq tal-provi saret fil-konfront taz-zewg akkuzati (<u>mhux</u> ghal wiehed biss) mid-difensuri taz-<u>zewg</u> akkuzati (<u>mhux</u> ta` wiehed biss minnhom).

Ir-rikorrenti tghid illi l-Qorti tal-Magistrati mxiet b'mod unilaterali meta halliet il-kawza ghat-trattazzjoni finali. Mill-provi dokumentarji ma jirrizultax li hekk kien il-kaz. Kien biss **<u>wara</u>** li d-difiza ghalqet il-provi taghha li l-Qorti halliet il-kawza ghas-sottomissjonijiet finali – u hekk kien ragonevoli illi taghmel qabel thalli l-kawza ghas-sentenza.

Il-procediment tal-lum skatta bhala konsegwenza tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati tal-24 ta` Frar 2011 fejn cahdet ir-rikors tar-rikorrenti sabiex tixhed. Skond l-atti esebiti jirrizulta li kienu ghaddew **<u>hames xhur</u>** mid-data li fiha l-Qorti tal-Magistrati halliet il-kawza ghas-sottomissjonijiet finali li r-rikorrenti ipprezentat rikors fil-15 ta' Frar 2011 fejn talbet li li tinghata l-opportunita` li tixhed ***ghax ghadha ma xeheditx***. Il-Qorti tal-Magistrati cahdet it-talba tar-rikorrenti ghaliex ir-rikorrenti kienet ressqet il-provi taghha, kif ukoll ghaliex ir-rikorrenti ma tatx ix-xiehda taghha **<u>qabel</u>** ressqet il-provi taghha. In segwitu fl-10 ta' Gunju 2011, ir-rikorrenti pprezentat rikors iehor fejn regghet talbet li tkun tista` tixhed ; u tat tliet ragunijiet : a) ghaliex mill-verbali tal-proceduri kriminali ma jirrizultax li kienet ressqet il-provi taghha ; b) ghaliex ma kien hemm l-ebda dikjarazzjoni da parti taghha fejn iddikjarat l-ghazla

taghha li ma tixhedx ; u c) ghaliex meta kien dikjarat li d-difiza ma kellhiex aktar provi, ir-rikorrenti ma kenitx rapprezentata u ghalhekk id-dikjarazzjoni kellha tghodd ghall-ko-akkuzat biss u mhux ghaliha wkoll. It-talba tar-rikorrenti kienet respinta b`digriet moghti fit-23 ta’ Gunju 2011, fejn il-Qorti rrilevat illi r-rikorrenti kienet ressqet il-provi taghha billi gabet biex jixhdu persuni li taghhom ndikat specifikament id-dettalji lill-Pulizija sabiex jigu mharrka propju sabiex jixhdu. In segwitu ghal dan kollu, ir-rikorrenti talbet differiment tal-kawza sabiex taghmel is-sottomissjonijiet taghha.

Fis-sentenza taghha tal-5 ta` Novembru 2013 fil-kawza **`<u>The Republic of</u> <u>Malta v. Ana-Maria Beatrice Ciocanel</u>`** il-Qorti tal-Appell Kriminali (komposta kolleggjalment) qalet hekk –

*“it is a well established principle that as a rule questions relating to fair trial are to be addressed upon an assessment of the trial as a whole and that it is only at the conclusion of such trial that a proper assessment of whether there has been a fair trial can be made.”*

Ighidu Harris, O`Boyle & Warbrick fil-ktieb **“*<u>Law of the</u>* *<u>European Convention on Human Rights</u>*”** (OUP – Tieni Edizzjoni) illi **<u>in linea ta` principju</u>** *the Court* (u cioe` l-ECHR) *has stressed that “the right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting Article 6(1) of the Convention restrictively*” (*Perez v France – 2004-I ; 40 EHRR 909 para 64 GC*) [ara pag 201]. Ighidu wkoll pero` illi *the Court also allows States a wide margin of appreciation as to the manner in which national courts operate … A consequence of this is that in certain contexts the provisions of Article 6 are as much obligations of results as of conduct, **<u>with national courts being allowed to follow whatever particular rules they choose so long as the end result can be seen to be a fair trial</u>**.* (enfasi ta` din il-Qorti) [ara pag 202]. U jkomplu li ***in some contexts a breach of Article 6 will only be***

***found to have occurred upon proof of "<u>actual prejudice</u>" to the applicant*** (enfasi ta` din il-Qorti) [ara pag 204]

**Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti mhijiex tara *actual prejudice* fil-mod kif il-Qorti tal-Magistrati ttrattat mar-rikorrent. Anzi din il-Qorti tghid illi dik il-Qorti ttrattat mar-rikorrenti <u>korrettement u skond il-ligi</u>, u fl-agir taghha ma ghamlet xejn lesiv ghall-jedd tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kif protett mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.**

Din il-Qorti tghid illi mhijiex korretta l-interpretazzjoni li r-rikorrenti qeghda taghti lill-**<u>Art 634(1) tal-Kap 9</u>**. Id-disposizzjoni taqra hekk –

*L-imputat jew akkużat, b'talba tiegħu, jista' jixhed taħt ġurament, minnufih li l-prosekuzzjoni tagħlaq il-parti tagħha, barra minn meta jinqala' l-bżonn li jixhed ukoll wara, f'waqt ieħor tal-kawża, jew jekk il-qorti jkun jidhrilha xieraq li tbiddel l-ordni tal-provi ; u l-prosekuzzjoni tista' tagħmillu kontro-eżami, għalkemm dan il-kontro-eżami jkun jista' jġibu ħati tar-reat li għalih ikun imputat jew akkużat …*

Huwa l-imputat li ghandu l-jedd tal-ghazla jekk iridx jixhed inkella le. Jekk l-imputat jaghzel illi jixhed irid fl-ewwel lok jaghmel talba fejn jinforma lill-Qorti li qieghed jaghzel li jixhed u fit-tieni lok irid jaghmel it-talba minnufih wara li l-prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha. Il-provi tad-difiza jitressqu jew wara li l-akkuzat ikun ipprevalixxa ruhu mill-ghazla li jixhed, jew minnufih wara li l-Prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha u l-akkuzat ma jkunx iddepona. Fil-kaz tal-lum, id-difiza sejhet bhala xhieda taghha lill-Ispettur Chris Galea Scannura, Charmaine Galea Triganza, Stephen Garrett, Maximilian Fenech, Michael Calleja u WPC 39 Nadine Demir, bla ma r-rikorrenti ghamlet it-talba biex tixhed **<u>qabel</u>** jissejhu dawk il-persuni sabiex jiddeponu.

Fis-sentenza taghha tal-11 ta` Ottubru 1948 fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizja vs Vitor Scerri**" il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk –

*Ma hemm l-ebda dubju illi s-sistema kriminali Malti, ispirat ghall-ahjar principji liberali, hu akkuzatorju, u mhux inkwizitorju. Wahda mill-aktar illustrazzjonijiet sinifikanti tas-sistema akkuzatorja hu l-fatt li l-imputat ma jistax jigi assoggettat ghal domandi hlief dawk li tippreskrivi l-ligi,* ***u li hu jixhed biss jekk irid huwa, fuq talba tieghu,*** *bla ma n-nuqqas tieghu li jixhed jista jigi kommentat mill-Prosekuzzjoni …*

*Fis-sistema Malti, bhal ma hu l-kaz fis-sistema Ingliz, l-imputat hu 'a competent witness for the defence', imma ma hux 'a compellable witness'. Dan hu principju bazilari …*

*Fl-Art 630* (illum l-Art 634) *li hu ta' applikazzjoni generali ghall-qrati kollha ta' gustizzja kriminali, jinghad li l-imputat jew l-akkuzat jista, b'talba tieghu, jixhed taht gurament, minnufih li l-Prosekuzzjoni taghlaq il-parti taghha, barra minn meta jinqala` l-bzonn li jixhed ukoll wara, f'waqt iehor tal-kawza, jew jekk il-Qorti ikun jidhrilha xieraq li tbiddel l-ordni tal-provi ;*

*Minn dan kollu jidher car illi, fis-sistema tal-ligi Maltija, l-imputat jew l-akkuzat jixhed jekk irid.*

(enfasi u sottolinear ta` din il-Qorti)

Ir-rikorrenti tirreferi ghall-principju tal-*parity of arms.*

Ighidu Harris, O`Boyle & Warbrick fil-pagna 251 tal-ktieb "***Law of the European Convention on Human Rights***" (op. cit.) –

*The right to a fair hearing supposes compliance with the principle of equality of arms. This principle, which*

*applies to civil as well as criminal proceedings requires each party to be given a reasonable opportunity to present his case under conditions that do not place him at a substantial disadvantage vis-à-vis his opponent. In general terms, the principle incorporates the idea of a fair balance between the parties*.

Fil-kaz tal-lum, din il-Qorti mhijiex tara kif bil-mod kif gabet ruhha il-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tar-rikorrenti kien hemm vjolazzjoni tal-principju tal-*equality of arms* a detriment tar-rikorrenti. Kien jispetta lir-rikorrenti illi tissenjala lill-Qorti r-rieda taghha li tixhed. Din kellha taghmlu minnufih wara li l-Prosekuzzjoni taghlaq il-provi taghha. Minflok sejhet ix-xhieda taghha wara li l-Prosekuzzjoni kienet temmet l-istadju tal-provi taghha. Huwa evidenti li bl-imgieba taghha, u cioe` li ma tiddikjarax li trid tixhed qabel ittella` l-provi l-ohra taghha, li r-rikorrenti ghazlet illi ma taghtix ix-xiehda taghha.

Din il-Qorti hija tal-fehma li bit-tifsira li qeghda taghti tal-Art 634(1) tal-Kap 9 ir-rikorrenti qeghda tistravolgi r-*raison d`etre* tad-disposizzjoni u tpoggi d-disposizzjoni fuq binarji li jbeghduha mill-korrettezza interpretativa bbazata fuq il-buon sens. Bit-tifsira ghal kollox personali li qeghda taghti lid-disposizzjoni, ir-rikorrenti qeghda tassew tohloq zbilanc indebitu favur taghha tal-principju tal-*equality of arms* li ironikament qeghda tinvoka sabiex tallega li kontriha sar ksur tal-jedd ghal smigh xieraq. L-Art 634(1) jistabilixxi bhala *principju tad-dritt* illi l-imputat jew akkużat jista` jixhed taht gurament. Jistabilixxi *kif* l-akkuzat iwettaq dak id-dritt u cioe` billi jaghmel talba. Jistabilixxi wkoll *meta* ghandu jaghmel it-talba u cioe` minnufih li l-Prosekuzzjoni tagħlaq il-parti tagħha. Il-bqija tad-disposizzjoni, in partikolari l-uzu tal-kelma *ukoll* tikkostitwixxi l-eccezzjoni ghar-regola. L-akkuzat *jerga`* jixhed **<u>mhux</u>** *jibda* jixhed wara li jinghata permess mill-Qorti jekk tkun sodisfatta d-disposizzjoni. Il-fattispeci tal-kaz tal-lum jeskludu li bid-digriet in kwistjoni inkiser xi dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrenti.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjoni preliminari stante illi dik l-eccezzjoni kienet irtirata fil-mori tal-kawza.**

**Tilqa` l-eccezzjonijiet fil-mertu.**

**Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.**

**Tikkundanna lir-rikorrenti sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------